MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 28/2010

GO p.l.c. (C22334)

vs

Nicholas Needham, Patricia Ann Needham, u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2010, gie kjamat fil-kawza Benjamin Needham

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-8 ta' Lulju 2010, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u seba' Euro u tlieta u sittin centezmi (€1,207.63), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21575446 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati A u B ;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu, izda baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta ai termini ta’ l-Art.166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-istess kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.’ ;

Il-konvenuta Patricia Ann Needham permezz tar-risposta taghha ipprezentata fis-17 ta’ Awwissu 2010, eccepiet :-

‘1. Illi Patricia Ann Needham ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-kumpanija attrici, u qatt ma kellha x’taqsam mal-kont indikat jew mal-kont tieghu ;

2. Illi jidher illi t-telefon ndikat u l-kont tieghu kienu ta’ zewgha (illum mejjet), u li minnu l-eccipjenti ila separata b’sentenza tal-Qorti sa mis-16 ta’ Ottubru 2003 ;

3. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandha thallas xejn minn dak mitlub ;

4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u ghalhekk dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, inkluzi dawk tan-nota responsiva fl-atti tal-ittra ufficjali 226/2009 ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.’ ;

Illi b’digriet tas-26 ta’ Novembru 2010, gie kjamat fil-kawza Benjamin Needham fuq talba tas-socjeta’ attrici, u permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-3 ta’ Jannar 2011, gie eccepit :-

‘1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan stante illi huwa qatt ma accetta l-wirt ta’ missieru Nicholas Needham, u di fatti l-proprjeta’ ta’ missieru sahansitra nbieghet permezz ta’ subbasta sabiex jithallsu l-kredituri l-ohrajn ;

2. Illi fi kwalsiasi’ kaz, tali talba hija llum il-gurnata preskritta fil-konfront ta’ l-esponenti ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejha.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra l-verbal tal-15 ta' Marzu 2011, fejn is-socjeta' attrici ddikjarat li kienet qed iccedi l-kawza fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Benjamin Needham, u halliet fermi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenuta Patricia Ann Needham ;

Ra wkoll il-verbal tal-20 ta' April 2011, fejn gie dikjarat li l-konvenuta Patricia Ann Needham kienet qed tammetti t-talba tas-socjeta' attrici, b'dan illi bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, l-ammont pretis jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' mitt Euro (€100) –il wiehed, u talbu li t-Tribunal jaghti sentenza f'dan is-sens ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-ammissjoni tat-talba minn naha tal-konvenuta, u l-ftehim raggunt bejn il-partijiet dwar il-modalita' tal-hlas tad-debitu, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi t-talba tas-socjeta' attrici billi jilqa' l-istess talba u jikkundanna lill-konvenuta Patricia Ann Needham li thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf mitejn u seba' Euro u tlieta u sittin centezmi (€1,207.63), dovuti ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, b'dan illi dan l-ammont ghandu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' mhux inqas minn mitt Euro (€100) -il wiehed, bl-ewwel pagament ghandu jsir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju 2011, u bid-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu f'kaz li l-konvenuta tkun moruza fil-hlas ta' mqar pagament minn dak kif gie minnha accettat, u li huwa stabbilit b'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta salv ghall-ispejjez relattivi ghal dawk tal-kjamat fil-kawza Benjamin Needham li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici, u bl-imghax

li ghandu jiddekorri minn notifika tal-avviz tat-talba lill-konvenuta sal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------